REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2227

tal-14 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet f'kull tip ta' temp u għat-taħriġ tat-titjir bl-istrumenti u tal-klassifikazzjoni tat-tip fuq il-ħelikopters

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1) u 27(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tat-taħriġ, tal-ittestjar u tal-kontroll applikabbli għal-liċenzji tal-bdoti, inklużi r-rekwiżiti għall-kisba tal-privileġġi għat-titjir ta' avviċinamenti f'konformità mar-regoli tat-titjir bl-istrumenti (IFR) sa altitudnijiet deċiżjonali ta' inqas minn 200 pied, u għat-taħriġ tat-titjir bl-istrumenti u tal-klassifikazzjoni tat-tip fuq il-ħelikopters.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([3]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet bl-ajru, inklużi rekwiżiti għall-operaturi biex jipprovdu lill-ekwipaġġ tagħhom b'taħriġ u kontrolli regolari. Dak ir-Regolament qiegħed jiġi emendat biex jirrifletti l-aktar standards reċenti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tal-operazzjonijiet f'kull tip ta' temp. L-emendi għar-Regolament (UE) Nru 965/2012 huma mfassla biex jikkostitwixxu qafas komprensiv għal avviċinamenti IFR f'viżibilità baxxa, inkluż għal aspetti relatati mat-taħriġ tal-bdoti. Għalhekk, ir-rekwiżiti korrispondenti għall-avviċinamenti IFR f'viżibilità baxxa li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jenħtieġ li jitħassru jew, fejn meħtieġ, jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(3) Minħabba l-fatt li l-ħelikopters b'magna waħda issa qed jiġu ċċertifikati wkoll għall-operazzjoni skont l-IFR, ir-rekwiżiti għall-klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għall-ħelikopters jenħtieġ li jiġu riveduti sabiex ikunu aktar rilevanti għat-tipi l-ġodda ta' ħelikopters u jipprovdu aktar flessibbiltà fir-rigward tal-użu tagħhom. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti fuq il-ħelikopter u t-taħriġ relatat ikunu ddisinjati biex ikopru t-titjir bl-istrumenti kemm fuq ħelikopters b'magna waħda kif ukoll fuq ħelikopters b'aktar minn magna waħda, sabiex it-taħriġ addizzjonali għall-konverżjoni minn klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti fuq ħelikopter b'magna waħda għal klassifikazzjoni ta' titjir bl-istrumenti fuq ħelikopter b'aktar minn magna waħda ma jibqax meħtieġ.

(4) Attwalment id-dispożizzjonijiet aktar impenjattivi tal-Parti-FCL għat-taħriġ tal-bdoti ta' ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed japplikaw ukoll għal operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters iċċertifikati għal operazzjoni bi bdot wieħed. B'effett ta' dik ir-restrizzjoni addizzjonali, kważi l-operazzjonijiet kollha tal-ħelikopters fuq tali ħelikopters iċċertifikati bi bdot wieħed jitwettqu f'operazzjoni bi bdot wieħed, sakemm l-operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed ma tkunx obbligatorja skont rekwiżiti operazzjonali. Konsegwentement, il-benefiċċju tas-sikurezza tat-titjir b'kopilota jintilef. Sabiex jiġi evitat dan l-eżitu, ir-rekwiżiti u l-privileġġi għal operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed fuq il-ħelikopters jenħtieġ li jiġu riveduti sabiex jipprovdu aktar flessibbiltà. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti xierqa li jippermettu l-operazzjoni sikura b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters bi bdot wieħed.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

(5) Peress li sa issa ntużaw biss ħelikopters b'aktar minn magna waħda għat-titjiriet bil-ħelikopter skont l-IFR, il-klassifikazzjonijiet eżistenti tat-titjir bl-istrumenti tal-ħelikopters inkisbu fuq ħelikopters b'aktar minn magna waħda. Għal din ir-raġuni, u meta jitqies l-użu futur ta' ħelikopters b'magna waħda skont l-IFR, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex jiġi żgurat li l-bdoti li bħalissa għandhom klassifikazzjonijiet tat-titjir bl-istrumenti fuq il-ħelikopters ikunu jistgħu jużaw il-privileġġ assoċjat kemm fuq ħelikopters b'magna waħda kif ukoll fuq ħelikopters b'aktar minn magna waħda.

(6) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-programmi ta' taħriġ tagħhom.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jiġu kkorreġuti ċerti kontroreferenzi skaduti jew mhux korretti, kif ukoll biex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet.

(8) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentatu lill-Kummissjoni flimkien mal-Opinjoni Nru 02/2021 ([4]) f'konformità mal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 75(2) u mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4c huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jibqgħu intitolati li jirċievu validazzjoni mill-ġdid jew tiġdid tal-EIR tagħhom, f'konformità mal-punt FCL.825 (g) tal-Anness I (Parti-FCL);";

(b) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ikunu intitolati li jirċievu kreditu sħiħ rigward ir-rekwiżiti tat-taħriġ fil-punt FCL.835(c)(2)(i) u (iii) tal-Anness I (Parti-FCL), meta japplikaw għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni bażika tat-titjir bl-istrumenti (BIR) skont il-punt FCL.835 tal-Anness I (Parti-FCL); u";

(c) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jibqgħu intitolati li jirċievu kreditu sħiħ kif stabbilit għad-detenturi ta' EIR fl-Anness I (Parti-FCL).";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 4d li ġej:

"*Artikolu 4d*

Miżuri tranżizzjonali għall-privileġġi tal-klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti b'magna waħda għall-ħelikopters

Mingħajr preġudizzju għall-punt FCL.630.H tal-Anness I (Parti-FCL) ta' dan ir-Regolament, għandu japplika dan kollu li ġej:

1. Il-klassifikazzjonijiet tat-titjir bl-istrumenti għall-ħelikopters (IR(H)) maħruġa f'konformità mal-Anness I (Parti-FCL) ta' dan ir-Regolament qabel it-30 ta' Ottubru 2022 għandhom jitqiesu bħala IR(H) kemm għal ħelikopters b'magna waħda kif ukoll għal dawk b'aktar minn magna waħda u għandhom jinħarġu mill-ġdid bħala IR(H) tali, meta tinħareġ mill-ġdid liċenzja ta' bdot ta' ħelikopter għal raġunijiet amministrattivi.

2. L-applikanti li qabel it-30 ta' Ottubru 2022 ikunu bdew it-taħriġ għal IR(H) għal ħelikopters b'magna waħda jew b'aktar minn magna waħda għandhom jitħallew ilestu dak it-taħriġ u, f'dak il-każ, jinħarġilhom IR(H) kemm għal ħelikopters b'magna waħda kif ukoll għal dawk b'aktar minn magna waħda.";

([4]) https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions

(3) jiddaħħal l-Artikolu 4e li ġej:

"*Artikolu 4e*

Miżuri tranżizzjonali għat-taħriġ, għall-ittestjar u għall-kontroll relatati ma' operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters bi bdot wieħed

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li joħorġu privileġġi speċifiċi għat-twettiq ta' taħriġ, ta' testijiet tal-ħiliet u ta' kontrolli tal-profiċjenza f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters bi bdot wieħed lill-applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikollhom ċertifikat ta' għalliem jew eżaminatur, kif applikabbli, maħruġ f'konformità mal-Anness I (Parti-FCL) ta' dan ir-Regolament, inklużi l-privileġġi li jgħallmu jew jeżaminaw, kif applikabbli, fuq it-tip ta' ħelikopter rilevanti;

(b) ikunu lestew it-taħriġ speċifikat fil-punt FCL.735.H tal-Parti-FCL;

(c) ikollhom esperjenza f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters f'livell li jkun aċċettabbli għall-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

2. Il-privileġġi maħruġa f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu validi sat-30 ta' Ottubru 2025. Sabiex jivvalidaw mill-ġdid il-privileġġi, l-applikanti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-esperjenza għall-privileġġi ta' għalliem u eżaminatur relatati ma' operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters bi bdot wieħed kif stabbilit fil-Parti FCL.";

(4) fl-Artikolu 10a, jiżdied il-paragrafu (6) li ġej:

"6. L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-bdoti li jipprovdu taħriġ għall-IR(H) għandhom jadattaw il-programm ta' taħriġ tagħhom biex ikun konformi mal-Anness I sat-30 ta' Ottubru 2023.";

(5) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' Ottubru 2022. Madankollu, il-punt (1) tal-Artikolu 1 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt FCL.010 huwa emendat kif ġej:

(a) id-definizzjoni ta' "Operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed' tfisser operazzjoni li tirrikjedi mill-inqas żewġ bdoti b'kooperazzjoni bejn aktar minn ekwipaġġ wieħed f'inġenju tal-ajru b'aktar minn bdot wieħed jew bi bdot wieħed.';

(b) id-definizzjoni ta' "Inġenju tal-ajru b'aktar minn bdot wieħed" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Inġenju tal-ajru b'aktar minn bdot wieħed':

— għal ajruplani, tfisser ajruplani ċċertifikati biex jaħdmu b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti;

— għal ħelikopters, airships u inġenji tal-ajru ta' powered-lift, tfisser inġenju tal-ajru li huwa ċċertifikat biex jaħdem b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti jew li għandu jitħaddem b'mill-inqas żewġ bdoti skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.';

(c) id-definizzjoni ta' "Inġenju tal-ajru bi bdot wieħed" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Inġenju tal-ajru bi bdot wieħed':

— għall-ajruplani, tfisser inġenju tal-ajru ċċertifikat biex jaħdem bi bdot wieħed;

— għal ħelikopters, airships u inġenji tal-ajru powered-lift, tfisser inġenju tal-ajru li huwa ċċertifikat biex jaħdem bi bdot wieħed u li ma għandux jitħaddem b'mill-inqas żewġ bdoti skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.";

(2) fil-punt FCL.060(b), il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) bħala PIC jew kopilota sakemm, fid-90 jum ta' qabel, ma jkunx wettaq mill-inqas 3 telgħat, avviċinamenti, inżulijiet bħala bdot li jsuq inġenju tal-ajru tal-istess tip jew klassi jew FFS li jirrappreżenta dak it-tip jew klassi. It-3 telgħat u nżul għandhom isiru f'operazzjonijiet bi bdot wieħed jew aktar, skont il-privileġġi li jkollu l-bdot; u";

(3) il-punt FCL.510.H huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.510.H ATPL(H) — Prerekwiżiti, esperjenza u kkreditjar**

L-applikanti għal ATPL(H) għandu:

(a) ikollhom CPL(H);

(b) ikunu ngħataw tagħlim fl-MCC f'konformità mal-punt FCL.735.H;

(c) ikunu wettqu, bħala bdot tal-ħelikopters, minimu ta' 1 000 siegħa ta' ħin ta' titjir inkluż mill-inqas:

(1) 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq ħelikopters;

(2) (i) 250 siegħa bħala PIC; jew

(ii) 100 siegħa bħala PIC u 150 siegħa bħala PIC taħt sorveljanza; jew

(iii) 250 siegħa bħala PIC taħt sorveljanza f'ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed. F'dan il-każ, il-privileġġi tal-ATPL(H) għandhom ikunu limitati għal operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed biss, sakemm ikunu twettqu 100 siegħa bħala PIC;

(3) 200 siegħa ta' ħin ta' titjir cross-country li minnhom, mill-inqas 100 siegħa għandhom ikunu bħala PIC jew PIC taħt sorveljanza;

(4) 30 siegħa ta' ħin ta' titjir bl-istrumenti li minnhom mhux aktar minn 10 sigħat jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art; u

(5) 100 siegħa ta' titjir billejl bħala PIC jew bħala kopilota.

Mill-1 000 siegħa, massimu ta' 100 siegħa jistgħu jkunu twettqu f'FSTD, li minnhom mhux aktar minn 25 jistgħu jitwettqu f'FNPT;

(d) Il-ħin ta' titjir fl-ajruplani għandu jiġi kkreditat sa 50 % fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ħin ta' titjir tal-punt (c);

(e) L-esperjenza meħtieġa fil-punt (c) għandha titwettaq qabel ma jsir it-test tal-ħiliet għall-ATPL(H);

(f) L-applikanti għal ATPL(H) għandhom jirċievu kreditu sħiħ għar-rekwiżit fil-punt (b) meta jikkonformaw mal-punt FCL.720.H(a)(2)(ii) u, barra minn hekk, ikunu rċevew taħriġ f'ATO biex jissodisfaw l-istandard meħtieġ għat-tlestija b'suċċess tal-kors skont il-punt FCL.735.H.";

(4) il-punt FCL.605 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.605 IR — Privileġġi u kundizzjonijiet**

(a) Privileġġi

Il-privileġġi ta' detenturi ta' IR huma li jsuqu inġenju tal-ajru skont l-IFR, inklużi operazzjonijiet PBN, b'altitudni minima deċiżjonali ta':

(1) mhux inqas minn 200 pied (60 m);

(2) inqas minn 200 pied (60 m), sakemm ikunu awtorizzati jagħmlu dan f'konformità mal-Anness V (Parti-SPA) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(b) Kundizzjonijiet

(1) Id-detenturi ta' IR għandhom jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 8 ta' dan l-Anness.

(2) Sabiex jeżerċitaw privileġġi bħala PIC taħt IFR f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed f'ħelikopters, id-detenturi ta' IR(H) għandu jkollhom mill-inqas 70 siegħa ta' ħin ta' titjir bl-istrumenti li minnhom sa 30 siegħa jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art.";

(5) il-punt FCL.620 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.620 IR — Test tal-ħiliet**

L-applikanti għal IR għandhom jgħaddu minn test tal-ħiliet f'konformità mal-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness sabiex juru l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-proċeduri u l-manuvri rilevanti b'livell ta' kompetenza adattat għall-privileġġi mogħtija.";

(6) wara l-intestatura "TAQSIMA 2 – Rekwiżiti speċifiċi għall-kategorija tal-ajruplani", jiddaħħal il-punt FCL.620.A li ġej:

"**FCL.620.A IR(A) — Test tal-ħiliet**

(a) Għal IR(A) b'aktar minn magna waħda, it-test tal-ħiliet għandu jsir f'ajruplan b'aktar minn magna waħda. Għal IR(A) b'magna waħda, it-test għandu jsir f'ajruplan b'magna waħda. Ajruplan b'aktar minn magna waħda fiż-żaqq għandu jiġi meqjus bħala ajruplan b'magna waħda għall-finijiet ta' dan il-punt.

(b) L-applikanti li jkunu lestew test tal-ħiliet għal IR(A) b'aktar minn magna waħda f'ajruplan b'aktar minn magna waħda u bi bdot wieħed li għalih hija meħtieġa klassifikazzjoni tal-klassi, għandha tinħarġilhom IR(A) b'magna waħda għall-klassifikazzjoni tal-klassi jew tat-tip ta' ajruplan b'magna waħda li jkollhom.";

(7) il-punt FCL.630.H huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.630.H IR(H) — Estensjoni tal-privileġġi ta' IR(H) għal tipi oħrajn ta' ħelikopters**

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-*data* tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012, id-detenturi ta' IR(H) li jixtiequ jestendu l-privileġġi tal-IR (H) tagħhom għal tipi oħra ta' ħelikopters għandhom, minbarra l-kors ta' taħriġ rilevanti tal-klassifikazzjoni tat-tip, ilestu f'ATO sagħtejn ta' taħriġ fit-titjir fuq it-tip rilevanti b'referenza unika għall-istrumenti skont l-IFR li jistgħu jitwettqu f'FFS jew fi FTD li jirrappreżenta kif xieraq it-tip rilevanti għal operazzjoni tal-IFR.";

(8) wara l-intestatura "TAQSIMA 4 — Rekwiżiti speċifiċi għall-kategorija ta' airship", jiddaħħal il-punt FCL.620.As kif ġej:

"**FCL.620.As IR(As) — Test tal-ħiliet**

Għal IR(As) b'aktar minn magna waħda, it-test tal-ħiliet għandu jsir f'airship b'aktar minn magna waħda. Għal IR(As) b'magna waħda, it-test għandu jsir f'airship b'magna waħda.";

(9) fil-punt FCL.725, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Operazzjoni bi bdot wieħed u b'aktar minn bdot wieħed

(1) Bdot li diġà għandu klassifikazzjoni tat-tip għal tip ta' inġenju tal-ajru, bil-privileġġ għal operazzjonijiet ta' bdot wieħed jew b'aktar minn bdot wieħed, għandu jiġi kkunsidrat bħala li diġà ssodisfa r-rekwiżiti teoretiċi meta japplika biex iżid il-privileġġ għall-forma l-oħra ta' operazzjoni fuq l-istess tip ta' inġenju tal-ajru.

(2) Tali bdot għandu jlesti taħriġ addizzjonali fit-titjir għall-forma l-oħra ta' operazzjoni fit-tip rilevanti f'konformità mal-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-*data* tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012. Dan it-taħriġ għandu jitlesta f'waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ATO;

(ii) organizzazzjoni li għaliha japplika l-Anness III (Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 u li hija intitolata tipprovdi tali taħriġ abbażi ta' approvazzjoni jew, fil-każ ta' ħelikopters bi bdot wieħed, dikjarazzjoni.

(3) Ħlief għal ħelikopters bi bdot wieħed, il-forma tal-operazzjoni għandha tiddaħħal fil-liċenzja.

(4) Fil-każ ta' ħelikopters bi bdot wieħed, għandu japplika dan kollu li ġej:

(i) Fil-każ fejn test tal-ħiliet jew kontroll tal-proficjenza għal klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopter mhux kumpless bi bdot wieħed ikun tlesta f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed biss, restrizzjoni għal operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed għandha tiġi approvata bil-klassifikazzjoni tat-tip fil-liċenzja. Din l-approvazzjoni għandha titneħħa meta l-applikant ilesti kontroll tal-proficjenza li kien jinkludi l-elementi meħtieġa għal operazzjoni bi bdot wieħed kif speċifikat fl-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness.

(ii) Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-forma tal-operazzjoni ma għandhiex tiddaħħal fil-liċenzja. Il-bdot huwa intitolat jeżerċita l-privileġġi tal-klassifikazzjoni tat-tip:

(A) f'operazzjoni bi bdot wieħed, diment li t-test tal-ħiliet jew il-kontroll tal-proficjenza jew:

(1) ikun tlesta f'operazzjoni bi bdot wieħed; jew

(2) ikun tlesta f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed u kien fih elementi addizzjonali għal operazzjoni bi bdot wieħed, kif speċifikat fl-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness;

(B) f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed taħt il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) il-bdot jikkonforma mal-punt FCL.720.H(a)(2);

(2) il-privileġġi jiġu eżerċitati f'konformità mal-Anness III (Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 biss;

(3) it-test tal-ħiliet jew il-kontroll tal-proficjenza jkunu tlestew f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed.";

(10) il-punt FCL.720.H huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mid-*data* tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012, applikant għall-ħruġ tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopter għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-esperjenza u l-prerekwiżiti għall-ħruġ tal-klassifikazzjoni rilevanti li ġejjin:";

(b) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

(1) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) Ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed. Applikant għal klassifikazzjoni tat-tip għal tip ta' ħelikopter b'aktar minn bdot wieħed għandu, qabel ma jibda l-kors ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip:";

(2) fil-punt (2), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) ikun lesta mill-inqas 500 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru.";

(3) fil-punt (2), jitħassar il-punt (iii);

(c) fil-punt (b), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Gradwat minn kors integrat ta' ATP(H)/IR, ATP(H), CPL(H)/IR jew CPL(H) li ma jikkonformax mar-rekwiżit tal-punt (a)(1), għandu jkun intitolat li jgħaddi mill-kors ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip għal klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed u għandu jkollu l-klassifikazzjoni tat-tip maħruġa bil-privileġġi limitati għall-eżerċitar tal-funzjonijiet bħala kopilota biss. Il-limitazzjoni għandha titneħħa ladarba l-bdot ikun ikkonforma ma' dawn kollha li ġejjin:";

(d) fil-punt (c), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ħelikopters b'aktar minn magna waħda. Applikant għall-ħruġ tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip għal ħelikopter b'aktar minn magna waħda għandu:";

(11) fil-punt FCL.905.TRI, point (a)(5) huwa emendat kif ġej:

(a) punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) Taħriġ f'MCC, sakemm ikun lesta 350 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru."

(b) jitħassar il-punt (iii);

(12) fil-punt FCL.910.TRI, il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Sabiex jiġu estiżi l-privileġġi ta' TRI(H) għal operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fl-istess tip ta' ħelikopters bi bdot wieħed, id-detentur għandu jkollu mill-inqas 350 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru jew ikollu mill-inqas 100 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq it-tip speċifiku fl-aħħar sentejn.";

(b) jiżdied punt (3) ġdid kif ġej:

"(3) Qabel ma l-privileġġi ta' TRI(H) jiġu estiżi minn ħelikopters bi bdot wieħed għal ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed, id-detentur għandu jikkonforma mal-punt FCL.915.TRI(d)(3).";

(13) fil-punt FCL.915.TRI, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għal TRI(H):

(1) għal ċertifikat ta' TRI(H) għal ħelikopters b'magna waħda bi bdot wieħed, jew:

(i) ikun lesta 250 siegħa bħala bdot fuq il-ħelikopters; jew

(ii) ikollu ċertifikat ta' FI(H);

(2) għal ċertifikat ta' TRI(H) għal ħelikopters b'aktar minn magna waħda u bi bdot wieħed, jew:

(i) ikun lesta 500 siegħa bħala bdot tal-ħelikopters, inklużi 100 siegħa bħala PIC f'ħelikopters b'aktar minn magna waħda u bi bdot wieħed; jew

(ii) ikollu ċertifikat FI(H) u jkun lesta 100 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'ħelikopters b'aktar minn magna waħda;

(3) għal ċertifikat ta' TRI(H) għal ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed, ikun lesta 1 000 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot fuq il-ħelikopters, u jkollu 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru jew 100 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq it-tip li għalih jintalab iċ-ċertifikat ta' TRI(H);";

(14) fil-punt FCL.915.IRI, il-punt (b)(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) meta jkunu qed ifittxu privileġġi biex jipprovdu taħriġ f'ħelikopters b'aktar minn magna waħda, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punti FCL.910.TRI(c)(1) u FCL.915.TRI(d)(2);";

(15) fil-punt FCL.905.SFI, il-punt (d)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Taħriġ f'MCC, sakemm ikunu lestew 350 siegħa bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru.";

(16) fil-punt FCL.915.SFI, il-punt (e) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) fil-każ ta' ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed, mill-inqas 1 000 siegħa ta' esperjenza fit-titjir bħala bdot fil-ħelikopters, inklużi mill-inqas 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru;";

(b) il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) fil-każ ta' ħelikopters b'magna waħda u bi bdot wieħed, ikun lesta 250 siegħa bħala bdot fuq il-ħelikopters;";

(c) jiżdied punt (5) ġdid kif ġej:

"(5) fil-każ ta' ħelikopters bi bdot wieħed f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed, ikun lesta mill-inqas 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru.";

(17) fil-punt FCL.915.MCCI, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) ikollu mill-inqas:

(1) fil-każ ta' ajruplani, airships u inġenji tal-ajru bil-powered-lift, 1 500 siegħa ta' esperjenza fit-titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed, li minnhom mill-inqas 350 siegħa għandhom ikunu fil-kategorija xierqa ta' inġenji tal-ajru;

(2) fil-każ ta' ħelikopters, 1 000 siegħa ta' esperjenza fit-titjir bħala bdot f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed, li minnhom mill-inqas 350 siegħa għandhom ikunu fuq ħelikopters.";

(18) fil-punt FCL.1005.TRE, il-punt (b)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) kontrolli tal-proficjenza għall-validazzjoni mill-ġdid jew għat-tiġdid ta' IRs, sakemm it-TRE(H) ikollu IR(H) valida;";

(19) fil-punt FCL.1010.TRE, il-punt (b)(6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Qabel ma l-privileġġi ta' TRE(H) jiġu estiżi minn operazzjonijiet bi bdot wieħed għal operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq l-istess tip ta' ħelikopter, id-detentur għandu jkollu jew:

(i) mill-inqas 100 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fuq dan it-tip; jew

(ii) mill-inqas 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru.";

(20) fil-punt FCL.1010.SFE, il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (3) u (4) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(3) fil-każ ta' ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed, ikollhom mill-inqas 1 000 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdoti fuq ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed;

(4) fil-każ ta' ħelikopters bi bdot wieħed f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed, ikunu lestew mill-inqas 350 siegħa f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed fi kwalunkwe kategorija ta' inġenji tal-ajru;";

(b) jiżdied punt (5) ġdid kif ġej:

"(5) għall-ħruġ inizjali ta' ċertifikat ta' SFE, ikunu kkompletaw mill-inqas 50 siegħa ta' tagħlim fit-titjir sintetiku bħala TRI(H) jew SFI(H) fuq it-tip applikabbli.";

(21) fit-Taqsima I tal-Appendiċi 3, il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Mat-tlestija tat-taħriġ fit-titjir relatat, l-applikant għandu jagħmel it-test tal-ħiliet CPL(H) jew fuq ħelikopter b'aktar minn magna waħda jew fuq ħelikopter b'magna waħda u t-test tal-ħiliet tal-IR fuq ħelikopter iċċertifikat b'IFR.";

(22) It-Taqsima B tal-Appendiċi 6 hija emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Kors ta' IR(H) għandu jinkludi mill-inqas 55 siegħa tagħlim bl-istrumenti, li minnhom:

(a) sa 20 siegħa jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'FNPT I (H) jew (A). Dawn l-20 siegħa ta' tagħlim f'FNPT I (H) jew (A) jistgħu jiġu ssostitwiti b'tagħlim ta' 20 siegħa għal IR(H) f'ajruplan, approvat għal dan il-kors; jew

(b) sa 40 siegħa jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'ħelikopter FTD 2/3, FNPT II/III jew FFS.

It-tagħlim fit-titjir bl-istrumenti għandu jinkludi mill-inqas 10 sigħat f'ħelikopter iċċertifikat għall-IFR.";

(b) il-paragrafu 8 jitħassar;

(c) il-paragrafu 9.1 huwa numerat mill-ġdid bħala "8.1.";

(d) il-paragrafu 9.2 huwa numerat mill-ġdid bħala "8.2.";

(e) il-paragrafu 9.3 huwa numerat mill-ġdid bħala "8.3.";

(f) il-paragrafu 10 huwa numerat mill-ġdid bħala "9.", u l-paragrafu (b) tiegħu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) proċeduri u manuvri għal operazzjoni tal-IFR taħt kundizzjonijiet normali, anormali u ta' emerġenza li jkopru mill-inqas:

— it-tranżizzjoni minn titjira viżiva għal titjira bl-istrumenti mat-tlugħ,

— tluq u wasla bl-istrumenti standard,

— proċeduri IFR waqt ir-rotta,

— proċeduri ta' stennija fir-rotta,

— avviċinamenti bl-istrumenti għal-livelli minimi speċifikati,

— proċeduri ta' telf ta' avviċinament,

— inżul minn avviċinamenti bl-istrumenti, inkluż tidwir forma ta' ċirku; ";

(23) Fl-Appendiċi 8, it-Taqsima B hija sostitwita b'dan li ġej:

"B. **Ħelikopters**

Il-krediti għandhom jingħataw biss jekk id-detenturi jkunu qed jivvalidaw mill-ġdid jew iġeddu l-privileġġi tal-IR għal ħelikopters bi bdot wieħed, kif xieraq.

Jekk isir test tal-ħiliet jew kontroll tal-proficjenza, inkluża IR, u d-detenturi jkollhom klassifikazzjoni valida:	Il-kreditu huwa validu fir-rigward tal-parti IR fil-kontroll tal-proficjenza għal:
Klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed (MPH)	Ħelikopter bi bdot wieħed (SPH) tal-istess tip, inklużi privileġġi għal operazzjonijiet bi bdot wieħed (*)
Klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopter bi bdot wieħed (SPH), in multi-pilot operations	Privileġġi għal operazzjonijiet bi bdot wieħed fl-istess tip (*)

(*) Diment li matul it-12-il xahar preċedenti jkunu twettqu mill-inqas tliet tluq u avviċinamenti IFR bl-eżerċitar tal-privileġġi PBN, fosthom avviċinament wieħed RNP APCH (li jista' jkun avviċinament Punt fl-Ispazju (PinS)), fuq ħelikopter tat-tip SP f'operazzjonijiet SP."

(24) L-Appendiċi 9 huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(1) l-intestatura qabel il-paragrafu (13) u l-paragrafu (13) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAT-TEST TAL-ĦILIET/KONTROLL TAL-PROFIĊJENZA GĦALL-KLASSIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP GĦAL INĠENJI TAL-AJRU B'AKTAR MINN BDOT WIEĦED, GĦAL INĠENJI TAL-AJRU BI BDOT WIEĦED META MĦADDMA F'OPERAZZJONIJIET B'AKTAR MINN BDOT WIEĦED, GĦAL MPL U GĦAL ATPL

13. It-test tal-ħiliet għal inġenju tal-ajru b'aktar minn bdot wieħed jew għal inġenju tal-ajru bi bdot wieħed meta mħaddma f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed għandu jsir f'ambjent b'aktar minn ekwipaġġ wieħed. Applikant ieħor jew bdot ikkwalifikat bi klassifikazzjoni tat-tip oħra jista' joqgħod bħala t-tieni bdot. Jekk jintuża inġenju tal-ajru, it-tieni bdot għandu jkun l-eżaminatur jew għalliem.";

(2) fil-paragrafu 15, il-fażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"15. Il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kkontrollati speċifikament mill-eżaminatur għall-applikanti għall-ATPL jew klassifikazzjoni tat-tip għal inġenju tal-ajru b'aktar minn bdot wieħed jew għal operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed f'inġenju tal-ajru bi bdot wieħed li jestendu għad-dmirijiet ta' PIC, irrispettivament minn jekk l-applikant jaġixxix bħala PF jew PNF:";

(b) It-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(1) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' ajruplani kumplessi ta' prestazzjoni għolja b'aktar minn bdot wieħed u dawk bi bdot wieħed, l-applikanti għandhom jgħaddu mit-taqsimiet kollha tat-test tal-ħiliet jew tal-kontroll tal-profiċjenza. Jekk ma jgħaddux minn aktar minn ħames punti dan ikun ifisser li l-applikanti jkollhom jerġgħu jagħmlu t-test jew il-kontroll mill-ġdid. Applikanti li ma jgħaddux minn ħames punti jew inqas għandhom jerġgħu jagħmlu l-punti li ma jkunux għaddew minnhom. Jekk ma jgħaddux minn xi punt ta' test li jkunu qed jagħmlu mill-ġdid, inklużi dawk il-punti li jkunu għaddew minnhom f'tentattiv preċedenti, dan ikun ifisser li l-applikant ikollu jagħmel it-test jew il-kontroll kollu mill-ġdid.";

(2) fil-paragrafu 6, fit-tabella wara l-paragrafu (j), il-kliem "*Kummenti ġenerali:* Rekwiżiti speċjali għal estensjoni ta' klassifikazzjoni tat-tip għal avviċinament bl-istrumenti sa altitudni deċiżjonali ta' inqas minn 200 pied (60 m), jiġifieri operazzjonijiet CAT II/III." qabel l-intestatura "Taqsima 6", it-Taqsima 6 sussegwenti u l-kliem "*NOTA:* L-operazzjonijiet CAT II/III għandhom jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-operazzjonijiet tal-ajru." wara t-Taqsima 6 jitħassru.

(c) fit-Taqsima C, l-intestatura u l-paragrafu (13) li ġejjin jiżdiedu wara l-paragrafu (12):

"ĦELIKOPTERS BI BDOT WIEĦED

13. L-applikanti għall-ħruġ, għall-validazzjoni mill-ġdid jew għat-tiġdid ta' klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopter bi bdot wieħed għandhom:

(a) jekk jintalbu privileġġi għal operazzjoni bi bdot wieħed, ilestu t-test tal-ħiliet jew il-kontroll tal-profiċjenza f'operazzjoni bi bdot wieħed;

(b) jekk jintalbu privileġġi għal operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed, ilestu t-test tal-ħiliet jew il-kontroll tal-profiċjenza f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed;

(c) jekk jintalbu privileġġi kemm għal privileġġi bi bdot wieħed kif ukoll għal privileġġi b'aktar minn bdot wieħed, ilestu t-test tal-ħiliet jew il-kontroll tal-profiċjenza f'operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed u, barra minn hekk, il-manuvri u l-proċeduri li ġejjin f'operazzjoni bi bdot wieħed:

(1) għal ħelikopters b'magna waħda: 2.1 tlugħ u 2.6 u 2.6.1 tbaxxija awtorotattiva u inżul awtorotattiv;

(2) għal ħelikopters b'aktar minn magna waħda: 2.1 tlugħ u 2.4 u 2.4.1 bi ħsara fil-magna ftit qabel u ftit wara li jintlaħaq TDP;

(3) għal privileġġi tal-IR, minbarra l-punt (1) jew (2), kif applikabbli, approċċ wieħed tat-Taqsima 5, sakemm ma jiġux issodisfati l-kriterji tal-Appendiċi 8 ta' dan l-Anness;

(d) sabiex titneħħa restrizzjoni għal operazzjoni b'aktar minn bdot wieħed minn klassifikazzjoni tat-tip ta' ħelikopter mhux kumpless bi bdot wieħed, jitlesta kontroll tal-proficjenza li jinkludi l-manuvri u l-proċeduri msemmija fil-punt (c)(1) jew (c)(2), kif applikabbli.";

(d) It-Taqsima D hija emendata kif ġej:

(1) fil-paragrafu 6, jitħassru l-punti (a), (b) u (c);

(2) wara l-paragrafu 6, jiddaħħal il-paragrafu (6a) kif ġej:

"(6a) Il-punti bi stilla (*) ħdejhom għandhom jittajru biss b'referenza għall-istrumenti. Jekk din il-kondizzjoni ma tiġix issodisfata matul it-test tal-ħiliet jew matul il-kontroll tal-proficjenza, il-klassifikazzjoni tat-tip tkun ristretta għal VFR biss.";

(3) fit-tabella wara l-paragrafu 8, titħassar it-Taqsima 6, u t-Taqsima 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA 6 — Tagħmir fakultattiv								
6	Użu ta' tagħmir fakultattiv		P	→	→"			

(e) It-Taqsima E hija emendata kif ġej:

(1) fil-paragrafu 6, jitħassru l-punti (a), (b) u (c).

(2) wara l-paragrafu 6, jiddaħħal il-paragrafu (6a) li ġej:

"(6a) Il-punti bi stilla (*) ħdejhom għandhom jittajru biss b'referenza għall-istrumenti. Jekk din il-kondizzjoni ma tiġix issodisfata matul it-test tal-ħiliet jew matul il-kontroll tal-proficjenza, il-klassifikazzjoni tat-tip tkun ristretta għal VFR biss.";

(3) fit-tabella wara l-paragrafu 8, titħassar it-Taqsima 6, u t-Taqsima 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA 6 — Tagħmir fakultattiv								
6	Użu ta' tagħmir fakultattiv		P	→"				